QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 41** **IT-TLIETA 14 TA' SETTEMBRU 2010**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2010 fis-7.10 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Simon Vella Gregory, Dennis Zammit, Jason Busuttil, Bjorn Azzopardi, Jeffrey Camilleri (7.15pm), Ralph Puli (7.15pm) u Margaret Mercieca (7.22pm).

Il-Kunsillier Thomas Harmsworth infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba li kien indispost.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**41/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 40**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 40 li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 40 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**41/02** Il-Kunsilliera Jeffrey Camilleri u Ralph Puli daħlu għas-seduta fis-7.15pm.

**41/03** **PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**41/03/01** **Is-Sindku** rrefera għall-paragrafu 40/04/01 dwar ir-Restawr u Konservazzjoni ta' Tliet statwi bil-Pedestal, u nforma li x-xogħol fuq l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju nbeda nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru, u qed ikun hemm jaħdmu fuq l-istatwa sa tliet haddiema. Ix-xogħol hu mistenni li jitlesta sas-7 ta' Ottubru. Is-Sindku ċċirkula korrispondenza dwar is-suggett mir-rettur tal-Fratellanza tar-Rużarju. **DOK 'A1'**

Is-Sindku nforma wkoll li x-xogħol fuq l-istatwa ta' San Pawl, wasal fi stat avvanzat u dan ix-xogħol kixef numru ta' ħsarat fuq l-istatwa, fosthom l-erba' prinjolati u l-gwarniċa li hemm, kif ukoll l-erba' kolonni u r-rużuni ta' fuq. Inġabru stimi għal dan ix-xogħol ta' bdil li jrid isir bit-torn u bl-iskultura, u l-ispiża sejra tlaħħaq Euro 1860.50, filwaqt li l-istima tax-xogħol bil-gebla tal-qawwi għall-bankina li ddawwar l-istatwa ta' San Pawl, se tlaħħaq Euro 3,500 bit-tqegħid b'kollox. Il-Kunsill unanimament approva dawn l-ispejjeż sabiex l-istatwa ta' San Pawl tkun restawrata kompletament. **DOK 'A2'**

**41/03/02** **Is-Sindku** nforma li x-xoghol fuq it-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid tal-latrina ġo Sqaq taż-Żenqa, nbeda nhar it-tnejn, mill-Kuntrattur PSV Turnkey Contractors Ltd. li ħadem il-latrina ta' Pjazza Federico Maempel. Dan ix-xogħol hu stmat li jieħu għaxar ġimgħat biex jitlesta kollox.

**41/03/03** **Is-Sindku** nforma wkoll li l-Kunsill għadu qed jistenna biex ikun iffirmat il-ftehim mal-Urban Improvement Fund sabiex jinbeda l-bini mill-ġdid tas-*soft area* fi Triq Anġlu Borġ, dak li kien Ġnien Bertu Hyzler. Il-Kuntrattur ta' dan ix-xogħol se jkun Road Maintenance Ltd. Is-Sindku nforma wkoll li bħal issa qed ikun f'kuntatt mal-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar id-dewmien li l-UIF sal-lum għadhom ma' għaddewx il-fondi maqbula għall-bini tal-bankini fi Triq il-Vitorja u l-madwar, kif ukoll għall-bankini tat-toroq ta' wara x-Shopwise. Is-Sindku tenna li sejjer jistenna ftit ieħor minħabba l-intervent tal-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, u jekk jibqa'ma jsir xejn, joħroġ fil-media dwar dan id-dewmien mill-Urban Imoprovement Fund.

**41/03/04** **Is-Sindku** nforma wkoll l-Proġett tal-Kunsill taż-Żgħażagħ sejjer jinbeda f'dawn il-ġranet, skont id-dokument approvat.

**41/04** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2010**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru
**b)** *Bank Payments* Awwissu *2010*
**c)** *Petty Cash* Awwissu *2010*

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

41/04 **Il-Kunsilliera Margart Mercieca** daħlet għas-seduta fis-7.20 ta' filgħaxija.

## 41/05 TENDER DWAR KISI MILL-ĠDID TAT-TOROQ

Is-Sindku ressaq u qara r-rapport dwar is-sejħa għar-*Resurfacing of Roads* li għaliha ntefgħu tmien offerti. Mar-rapport ressaq ukoll ix-*Schedule of Rates* ta' dawn it-tmien offerti, kif ukoll tliet eżerċizzji fuq xogħol ta' toroq li saru, sabiex iservu ta' tqabbil tar-rati mitfugħa. Il-Bord tal-Għażla rrikmanda l-approvazzjoni tal-offerta tal-Kuntrattur Central Asphalt Ltd. **DOK 'C1-4'**

**Il-Kunsill** iddiskuta dan ir-rapport tal-Bord tal-Għażla kif ukoll ir-rati offruti f'din is-sejħa kif imqabbla bejniethom u mar-rati preċedenti ta' l-istess xogħol. Is-Sindku nnota li Kuntrattur preżenti f'Ħal Qormi kien ħadem b'mod soddisfaċenti u qatt ma kien hemm xi diżgwid tul ix-xogħol li nħadem u li l-prezzijiet ikkwotati huma l-aktar favorevoli.

Għalhekk wara li saret analiżi tad-dokumenti mressqa, is-Sindku ppropona u rrikmanda l-approvazzjoni tal-offerta tal-Kuntrattur Central Asphalt Ltd, sabiex il-kuntratt jingħata lil din il-kumpanija.

**Il-Kunsilliera Jeffrey Camilleri** ssekonda din il-proposta.
**Ivvutaw favur l-għaxar Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament qabel** li l-Kuntratt ta' Resurfacing ta' Toroq jingħata lill-Kuntrattur Central Asphalt Ltd.

## 41/06 MOZZJONI 106/2010 FESTIVAL TAL-ĦOBŻ

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq il-Mozzjoni 106/2010 (V) dwar il-Festival tal-Ħobż.

"Bħal fis-snin li għaddew, din is-sena wkoll qed jiġi organizzat il-Festival tal-Ħobż mill-PLYG. Din is-sena dan il-Festival se jiġi organizzat nhar is-Sibt 10 u l-Ħadd 11 ta' Settembru 2010.

Għaldaqstant nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 1165.00 bħala parti mill-ispejjeż sabiex tittella' din is-serata.

Barra minhekk nipproponi li l-Kunsill jieħu ħsieb il-ħlas għat-tindif tat-toroq u l-ftuħ tal-latrina sal-11.30pm, kif ukoll 50% mill-ħlas għas-servizz tal-Pulizija."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni **tal-Mozzjoni nru 106/2010 (V)**.

**Ivvutaw Favur** id-disa' (9) Kunsilliera, Wieħed Astjena (1) u Ħadd (0) ma vvota kontra.

**Il-Kunsill approva** l-Mozzjoni nru 106/2010 (V) dwar il-Festival tal-Ħobż.

## 41/07 GABBANA FI ĠNIEN DE LA CRUZ

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, korrispondenza mill-PRO Anthony Thorpe tal-Qormi Football Club b'talba għall-użu tal-gabbana fi Ġnien De La Cruz mill-istess Clabb. **DOK 'D'**

**Il-Kunsilliera** ddiskutew din it-talba u sar qbil li, wara li ħadd ma tefa' offerta fi-sejħa maħruġa mill-Kunsill, l-użu li għandu jsir ta' din il-gabbana għandu jkun biss użu temporanju bi prova għat-tħaddim ta' l-istess Gabbana sa' l-aħħar ta' Diċembru, sakemm tinħareġ mill-ġdid is-sejħa għall-offerti għal din il-gabbana. Il-Kunsill qabel ukoll li għanu jsir enfażi li l-kundizzjonijiet li qed iressaq il-Kunsill għall-użu temporanju ta' dan il-post, għandhom ikunu li l-post jinżamm dejjem nadif u fl-aħjar kundizzjoni tul dan il-perjodu, m'għandux jitħalla jsir storbju eċċessiv u li jista' jkun ta' nkonvenjent lir-residenti tal-madwar, u li fix-xahar ta' Diċembru l-Kunsill joħroġ mill-ġdid is-sejħa għall-offerti għal din il-gabbana fejn l-istess club wara li jara l-kundizzjonijiet jista' jitfa' l-interess tiegħu.

Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jimxi fuq dawn il-punti mal-Club tal-Qormi FC.

## 41/08 RAPPORTI

41/08/01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill stimi maħduma mill-Perit tal-Kunsill dwar bini ta' rampa, għall-persuni b'diabilita', fid-daħla ta' l-isqaq nru. 1, Triq San Bartolomew/Triq il-Kbira, magħruf bħala l-isqaq tas-Sorijiet. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jitneħħa t-taraġ u ssir r-rampa f'dan l-isqaq hu smat li jlaħħaq €2,376. Kien maqbul li jsir dan ix-xogħol kif ukoll jekk il-madum li hemm bħalissa fl-isqaq jitfarrak, dan għandu jinbidel max-xogħol. **DOK 'E1'**

**41/08/02** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill stima maħduma mill-Perit tal-Kunsill dwar xogħol fuq il-bini tal-Bankina fuq naħa waħda ta' Triq Amleto Spiteri, minn Triq Correa sa Triq it-Tensila, fejn sal-lum qatt ma kienet inbniet bankina. Ix-xogħol meħtieġ hu smat li jlaħħaq €10,579.40. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq Amleto Spiteri. **DOK 'E2'**

**41/08/03** **Is-Sindku** nforma li wara li l-Kunsill tul il-ġimgħat preċedenti kien naddaf l-area ta' Sqaq Awżara, mill-kalkara tal-ġir sal-kamra ta' nar ta' San Ġorġ, issa kien jeħtieġ li din l-area tingħata l-konkos, sew sabiex ix-xogħol ta' tindif u twittija tat-triq li sar ma jerġax jispiċċa fix-xejn mal-ilmijiet tax-xita u sew sabiex minn din id-daħla jitneħħa kull periklu għall-bdiewa u għall-aċċess għall-kamra tan-nar, kif ukoll il-post jinamm nadif u jinqata' l-abbu ta' rimi ta' skart. Dan ix-xogħol sejjer isir mill-Kuntrattur tal-bankini li miegħu l-Kunsill għandu l-kuntratt preżenti. Il-kunsill unanimament qabel li jsir dan ix-xogħol.

**41/08/04** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport imħejji minn MED Developers, Designers Consultants Ltd. l-contract manager tal-istreet lighting, dwar in-nuqqas ta' *Street Lighting* f'l-area ta' Triq il-Belt Valletta. Ir-rapport jindika li hemm dawn in-nuqqasjijet ta' *street lighting*: Fi Triq il-Burdnara (3), Triq il-Mastrudaxxa (2), Triq l-Iskultur (4), Triq il-Kaċċatur (1), u Triq in-Nassab (2). Dan ir-rapport tħejja wara numru ta' talbiet minn residenti u enitajiet kummerċjali f'dawn it-toroq. Sar qbil li l-Kunsill iressaq din it-talba lill-Korporazzjoni Enemalta għall-approvazzjoni ta' dawn l-iStreet Lighting li huma nieqsa f'dawn it-toroq, u wara l-approvazzjoni ta' l-Enemalta, il-Kunsill japprova skont il-finanzi dan ix-xogħol meħtieġ, li hu stmat li jlaħħaq kif ġej: Triq il-Burdnara (€1,110), Triq il-Mastrudaxxa (€740), Triq l-Iskultur (€1,480), Triq il-Kaċċatur (€370), u Triq in-Nassab (€740). **DOK 'E3'**

## 41/09 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-lista ta' Korrispondenza li l-Kunsill irċieva. **DOK 'F 1-6'**

**41/09/01** Is-Sindku rrefera għall-ittra mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi u Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri dwar xogħol meħtieġ għall-installazzjoni ta' dawl fix-Xelter fl-għassa tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel mal-bżonn li tinħadem sistema ta' dawl permanenti f'dawn ix-xelters, u għalhekk talab li jitressqu stimi għal dan ix-xogħol.

**41/09/02** Id-dokument *Draft Public Playgrounds Safety Standard For Public Consultation* kien imressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill u l-Kunsilliera mħeġġa sabiex iressqu l-kummenti dwar dawn ir-Responsabbilitajiet li l-Kunsill ser ikollu f'qasir żmien.

**41/09/03** Inqrat l-ittra mibgħuta mis-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, fejn ressaq proposta sabiex parti minn Triq il-Kbira, mill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri sal-Pjazza ta' San Franġisk terġa' tibda tissemma' 'Triq il-Kbira San Ġorġ'. Il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri f'isem ir-residenti qed jitlob lill-Kunsill Lokali biex jilqa' din ix-xewqa u jressaq din it-talba lill-awtorita' konċernata biex din il-parti tat-triq jerġa' jingħatala l-isem oriġinali li kellha għal mijiet ta' snin. Il-kumitat innota li Triq il-Kbira kollha, minn quddiem il-knisja Arċipretali sa fejn il-pompa tal-Petrol, sa qabel l-aħħar gwerra 'l-Kbira kienet jisimha 'Strada Rjali San Giorgio'. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kumitat jintalab iressaq petizzjoni għal dan il-għan bil-firem tar-residenti kollha u s-sidien tal-ħwienet u kumpaniji kummerċjali f'din il-parti tat-triq li qed jitressaq dan is-suġġeriment, sabiex jiddiskuti din il-proposta.

**41/09/04** Is-Sindku għarraf li l-Kunsill kien irċieva mill-MEPA dettalji dwar Board Meetings, fejn Il-Kunsill favur dan l-iżvilupp u l-bini ta' skejjel f'tal-Ħandaq.

Nhar il-Hamis 16 ta' Settembru 2010 fil-11.30 – *Determination of Full Development Application* PA 994/09.

Nhar il-Hamis 16 ta' Settembru 2010 fil-11.30 - *Determination of Full Development Application* PA 3128/06.

**41/09/05** Tressqet talba mill-Kulleġġ Sant'Injazju tal-Ħandaq dwar installazzjoni ta' *rubber road hump*. Is-sur Christopher Pulis, teacher responsabbli mill-*Health and Safety* fil-Kulleġġ Sant' Injazju, Skola Sekondarja Subien Tal-Ħandaq, talab lill-Kunsill sabiex tkun installata *rubber road hump* fid-daħla tal-iskola. Kien imfisser li ser jinbeda x-xogħol ta' twaqqigħ tal-iskola l-qadima, u għalhekk it-traffiku ser ikollu jgħaddi kollu kemm hu min-naħa waħda ġo l-iskola u għalhekk jeħtieġ li dan it-traffiku kollu jkun ikkontrollat aħjar u jitnaqqas kull periklu għat-tfal li jattendu l-Kulleġġ speċjalment fid-daħla ta' l-istess kulleġġ. Kien imfisser li mad-dawra ta' l-iskola ser jitqiegħdu żewġ *rubber road humps* oħra, li ser jieħdu ħsieb tagħhom l-iskola stess f'dan l-eżerċizzju ta' mmaniġġjar tat-traffiku.

Il-Kunsill unanimament qabel ma' din it-talba tal-Kulleġġ Sant'Injazju għall-installazzjoni tar-road hump.

**41/09/06** Kienet iċċirkolata l-email tas-Dwar il-Qormi Bread Festival 2010.

**41/10 LISTA TA' MEMOS (IMPORTANTI) LI KIENU IĊĊIRKULATI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-lista ta' Memos li l-Kunsill irċieva. **DOK 'G 1-5'**

Memo 117/2010 *Reference Framework for Sustainable Cities*

Memo 119/2010 *Green Challenge and Community Involvement Awards*

Memo 120-2010 Użu ta' laptops

Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi 2011

Memo 122-2010 Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsill Lokali

**41/11 AĠĠORNAMENT**

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-**Tlieta 5 ta' Ottubru 2010** fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.25 ta' fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ...................... 2010.
(Jum) (Data) (Xahar)